

Konvenuta: Kuoni Travel Ltd

Domandi preliminari

- 1) In-nuqqas' ta' eżekuzzjoni jew eżekuzzjoni ħażina tal-obbligi li jirriżultaw mill-kuntratt ta' organizzatur jew bejjiegħ bl-imnun ma' konsumatur għall-provvista ta' vjaġġ kollox kompriż li għalih tapplika d-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE⁽¹⁾ tat-13 ta' Ġunju 1990 dwar il-vjaġġi kollox kompriż (package travel), il-vaganzi kollox kompriż u t-tours kollox kompriż, fejn in-nuqqas' ta' eżekuzzjoni jew l-eżekuzzjoni ħażina hija r-riżultat tal-azzjonijiet ta' impiegat tal-kumpannija ta' lukanda li tippordvi servizzi relatati ma' dan il-kuntratt:
 - a) jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni prevista fit-tieni parti tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(2); u, fil-każ ta' risposta affermattiva,
 - b) abbażi ta' liema kriterji l-qorti nazzjonali għandha tevalwa l-applikabbiltà ta' din l-eżenzjoni?
- 2) Meta organizzatur jew bejjiegħ bl-imnun jikkonkludi kuntratt ma' konsumatur għall-provvista ta' vjaġġ kollox kompriż li għalih tapplika d-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE, u meta kumpannija ta' lukanda tippordvi servizzi relatati ma' dan il-kuntratt, impiegat innifsu ta' din il-kumpannija ta' lukanda għandu jiġi kkunsidrat "fornitur tas-servizzi" għall-finijiet tal-eżenzjoni taħt it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Specjalibil-Malti, Kapitulu 13, Vol. 10, p. 132.

**Talba għal deciżjoni preliminari mressqa mis-Supreme Court of the United Kingdom (Ir-Renju Unit)
fit-30 ta' Lulju 2019 — R (fuq rikors tal-Association of Independent Meat Suppliers et) vs The Food Standards Agency**

(Kawża C-579/19)

(2019/C 328/36)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinvju

Supreme Court of the United Kingdom (ir-Renju Unit)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: R (fuq rikors tal-Association of Independent Meat Suppliers et)

Konvenuta: The Food Standards Agency

Domandi preliminari

- 1) Ir-Regolament (KE) Nru 854/[2004]⁽¹⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskriwi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġiniw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman] u r-Regolament (KE) Nru 882/[2004]⁽²⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi ta' l-għalf u l-ikel, mar-regoli dwar s-saħħa ta' l-annimali u l-welfare ta' l-annimali] jippreklu proċedura li permezz tagħha, skont l-Artikolu 9 tal-Food Safety Act 1990 (il-Liġi dwar is-Sigurtà tal-ikel tal-1990), Justice of the Peace (imħallef f'qorti distrettwal) jiddeċiedi fuq il-mertu tal-każ u abbażi tal-evidenza ta' esperti mressqa minn kull wieħed mill-partijiet jekk karkassa tissodisfax ir-rekwiżiti tas-sigurtà tal-prodotti tal-ikel?

- 2) Ir-Regolament (KE) Nru 882/[2004] jeżiġi dritt għal azzjoni legali minn deċiżjoni ta' veterinarju uffiċċiali, skont il-punt 2 tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 854/[2004] li ddikjarat li l-laħam ta' karkassa ma kienx xieraq għall-konsum mill-bniedem u, fl-affermattiv, x'approċċ għandu jiġi adottat fl-eżami tal-fondatezza tad-deċiżjoni meħuda mill-veterinarju uffiċċiali fil-kuntest ta' azzjoni legali f'tali każ?

(¹) ĠU Edizzjoni Specjalibil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 45, p. 75.

(²) ĠU Edizzjoni Specjalibil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 45, p. 200, rettifikasi fil-ĠU 2015, L 187, p. 91.

**Appell ippreżzentat fis-16 ta' Awwissu 2019 minn John Dalli mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġeneral
(Is-Sitt Awla) fis-6 ta' Ġunju 2019 fil-Kawża T-399/17, Dalli vs Il-Kummissjoni**

(Kawża C-615/19 P)

(2019/C 328/37)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: John Dalli (rappreżentanti: L. Levi, avukat, S. Rodrigues, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

L-appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġogħobha:

- tirriforma s-sentenza appellata u tiddikjara t-talbiet tal-appellant fil-kawża T-399/17 ammissibbli u fondati, u konsegwentement tordna
 - il-kumpens għad-danni, b'mod partikolari d-danni morali, li jista' jiġi stmat, provviżorjament, f'EVR 1,000,000;
 - li l-konvenuta tiġi kkundannata għall-ispejjeż kollha.
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea tbat l-ispejjeż kollha kemm tal-appell kif ukoll tal-proċedura fl-ewwel istanza.

Aggravji u argumenti prinċipali

Permezz tal-ewwel aggravyu l-appellant jallega diversi żbalji ta' liġi, speċifikament ksur tad-dmir ta' motivazzjoni u distorsjoni tal-proċess biċ-ċaħda tal-ewwel motiv marbut mal-illegalità tad-deċiżjoni li tinfetaħ investigazzjoni.

It-tieni nett, l-appellant jallega li l-Qorti Ġeneral wettqet żball ta' liġi billi ċaħdet it-tieni motiv marbut ma nuqqasijiet fil-karatterizzazzjoni tal-investigazzjoni u mal-estensjoni illegali tal-investigazzjoni.

It-tielet net, l-appellant jallega distorsjoni tal-evidenza u ksur tad-drittijiet tad-difiża fis-sentenza tal-Qorti Ġeneral li fiha t-tielet motiv, marbut mal-ksur tal-prinċipji li jmexxu l-ġbir tal-evidenza u distorsjoni u falsifikazzjoni tal-evidenza, ġie miċħud.

Ir-raba' nett, l-appellant jallega distorsjoni tas-sens ċar tal-fatti u tal-evidenza u żbalji ta' liġi mill-Qorti Ġeneral meta ċaħdet ir-raba' motiv marbut mal-ksur tad-drittijiet tad-difiża, tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/396, (¹) u tal-Artikolu 18 tal-Istruzzjonijiet OLAF.

Il-ħames nett, l-appellant jallega li l-Qorti Ġeneral wettqet żball ta' liġi billi kisret id-dmir ta' motivazzjoni u għawġġet l-evidenza billi ċaħdet il-ħames motiv marbut mal-ksur tal-Artikolu 11(7) tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 (²) u tal-Artikolu 13(5) tar-Regoli tal-Kunitat Superviżur.